V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9491 — Ardagh Group/OTPP-Element/JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2019/C 311/05)

1. Fil-5 ta' Settembru 2019, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Ardagh Group S.A. (il-Lussemburgu) ("Ardagh"),

— Element Holdings II LLP (l-Istati Uniti tal-Amerka) ("Element"), u l-kumpanija omm tagħha l-Ontario Teachers' Pension Plan Board (il-Kanada) ("OTPP")

— Impriża konġunta ġdida ("JV") (in-Netherlands).

Ardagh u OTPP jakkwistaw, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' JV.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa bil-kontribut tan-negozju ta' Element u dak tan-negozju tal-Ikel u tal-Ispeċjalitajiet ta' Ardagh fil-JV.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Ardagh hija l-kumpanija azzjonarja ta' grupp internazzjonali ta' kumpaniji li huma prinċipalment attivi fil-produzzjoni ta' soluzzjonijiet ta' imballaġġ riġidu għall-industriji tal-ikel, ix-xorb u l-prodotti tal-konsumatur. Hija tipprovdi firxa wiesgħa ta' prodotti tal-imballaġġ tal-ħġieġ u tal-metall għal varjetà ta' swieq aħħarin fuq bażi globali,

— Element, permezz ta' sussidjarja ta' EXAL waħda jew aktar, posseduti kollha, timmanifattura u tbigħ prodotti tal-imballaġġ tal-metall. Il-prodotti tal-imballaġġ tal-metall ta' Exal jikkonsistu minn bottijiet tal-aerosol tal-aluminju li jintużaw biex jiġu ppakkjati prodotti tas-sbuħija, tal-kura personali, farmaċewtiċi, tal-ikel u l-prodotti għall-kura tad-dar; kif ukoll il-fliexken tal-aluminju għax-xarbiet,

— OTPP huwa pjan tal-pensjoni indipendenti għal professjoni unika li jittratta l-amministrazzjoni tal-benefiċċji tal-pensjoni u tal-investiment tal-assi fil-pjan tal-pensjoni.

— Wara t-tranżazzjoni, l-impriża konġunta (JV) se tkun attiva f'imballaġġ tal-metall, speċifikament fil-produzzjoni tal-ikel, tan-nutrizzjoni, taż-żebgħa u l-kisi, tal-aerosols u ta' bottijiet għal prodotti speċjalizzati oħra, kif ukoll fil-produzzjoni tal-fliexken tal-aluminju.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9491 — Ardagh Group/OTPP-Element/JV

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, tal-fax jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

E-mail: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Fax +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË